**Bħallum tletin sena**

Bħallum tletin sena
Jien dħalt postulant,
Dħalt mal-Kapuċċini
Taħt Ġesù, il-Kmandant.

Għax Hu kien għażilni
Biex lilu jien naqdih,
Fil-ferħ u fil-hena
Fit-tbatija w żebliħ.

U matul dil-mixja
Tani lil Marija,
Li hi l-vera ommi
Fil-ferħ u t-tbatija.

Għax magħha nitgħallem
Kif inħobb bil-għaqal,
Għax wisq ħuti kotru
Snanar kollha faqar.

Ta' min qalbu iebsa
Moħħu biss fil-ħażen,
Warajh għad iħalli
Ġidu gozz fl-imħażen.

'Mma l-Mulej għallimni
Biex niġma biex ġidi,
Fis-sema biex jibqa'
U mhux nħalli l'idi;

Tbegħdni mill-veru ġid
Li hu s-salvazzjoni,
Tal-erwieħ uliedu
Dik liberazzjoni!

Bħallum tletin sena
Ħaġa tgħallimt,
Li meta jwarrbuni
Għax veru inkun ħdimt;

Hemm ġejjin mirakli
Ma' dawk li jien nitlob,
Għax il-veru qaddej
Ifarraġ mhux jisloħ.

Jaf jaqdi u jaħfer
Ibati wisq fis-skiet,

Imma r-rebħa isseħħ
F'idejn Kristu t-tamiet.

Il-morda dawk ħuti
Magħhom ħajti nqatta',
Iwassluli t-tama
Ħajja, mhux astratta.

Bħallum tletin sena
Kemm patrijiet,
Għallmuni l-qdusija
Għax b'hekk inkun utli.

Il-qdusija ħajja
Li taqdi biss hi trid,
Tisma' lill-imnikket
Tingħata għall-marid.

Hi din it-triq tiegħi
Għaż-żmien 'l hemm quddiemi,
Baqagħli x'baqagħli
F'dawn l-imbierka jiemi.

U nifraħ l'għallimni
Tani b'ħuti l-bnedmin,
Imxerrdin mad-dinja
X'ferħ, x'hena tal-ħenjin.

Sewwa kienet 's-sejħa
Li nħaddan lil kulħadd,
Familti hi d-dinja
Għalhekk qatt ma tinħatt.

U b'dal-ferħ kbir f'qalbi
Għal dan biss irrid ngħix,
Għax Kristu hekk jagħmel
Iwettaq dak li jgħid.

Kollox għad inħallu
Għerja mmorru l-qabar,
Mela niftħu beraħ
Qlubna żgħar għas-sabar;

Li nwessgħu ħaristna
Ngħixu jum wara jum,
Ferħana li Alla
Missierna jibqa' jkun.

Grazzi Mulej ta' kemm
Grazzji inti tajtni,

Nissokta nroddlok ħajr
Ta' kemm int salvajtni.

Illum ngħidlek b'qalbi
Ngħidlek ferħan se ntir,
Mhux jien kont l'għamiltlek
Imma int dal-pjaċir.

Li sejjaħtli, fdajtni
Ħabbejtni b'għożża wisq,
Miegħi tibqa' timxi
Għalija int ir-Risq.

Hekk dawn ħsibijieti
Huma jtuni l-hena,
B'dawn Kristu sejjaħli
Bħallum tletin sena.

Patri Mario Attard OFM Cap
12 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.